



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

2012/2063(INI)

18.7.2012

EMENDI

1 - 18

Abbozz ta' opinjoni
João Ferreira
(PE492.581v01-00)

dwar ir-Rapport 2011 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp
(2012/2063(INI))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 1
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu -1 (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

-1. Huwa tal-fehma li l-Politika għall-Iżvilupp tal-Unjoni għandha titwettaq skont il-ftehimiet tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kompetenti, u li l-kontribut tas-sajd għall-iżvilupp għandu jsir skont il-prinċipji u objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'kontribut għall-objettiv ewlieni tal-Politika għall-Iżvilupp tal-Unjoni tat-tnaqqis, imbagħad tal-eradikazzjoni, tal-faqar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Or. es

Emenda 2
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu -1a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

-1a. L-Unjoni se tikkontribwixxi għall-iżvilupp fil-qasam tas-sajd billi tappoġġa l-prinċipju tal-istokkijiet ta' sajd eċċessiv u r-regoli l-oħra stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Dritt Marittimu tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Mgħiba tal-FAO dwar is-sajd responsabbli u tal-Ftehim ta' Osservanza dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd tal-FAO fil-livell dinji;

Or. es

Emenda 3
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu -1b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

-1b. Jenfasizza li l-objettivi tal-politika tas-sajd għandhom jintlaħqu b'mod trasparenti u b'konformità mal-objettivi l-oħra tal-Unjoni, u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp għandu jkun previst, imkejje, valutat u soġġett għal kontroll demokratiku b'mod regolari u sistematiku;

Or. es

Emenda 4
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu -1c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

-1c. Jappoġġa l-iżgurar ta' koerenza sħiħa u l-bini ta' sinerġiji bejn it-tfassil, it-twettiq, il-kontroll u l-valutazzjoni tal-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politiki settorjali, b'mod partikolari dawk bl-ikbar impatt fuq l-iżvilupp, bħall-politika kummerċjali, agrikola u tas-sajd, meta jitqies li l-maġġor parti tal-qbid dinji jseħħ f'ilmijiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, li l-parti l-kbira tal-qbid f'ilmijiet tal-AKP ssir minn' bastimenti barranin u li s-sajd huwa s-sors ta' 'l fuq minn kwart tal-proteini kkunsmati mill-abitanti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Or. es

Emenda 5
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu -1d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

-1d. Jirrimarka li l-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni tas-Sajd u l-aspetti tas-sajd li jinsabu fil-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkontribwixxu biex is-sajd isir attività sostenibbli, soċjali, ekonomika u ambjentali għall-Unjoni Ewropea u s-sħab tagħha;

Or. es

Emenda 6
Izaskun Bilbao Barandica

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1. Jiddeplora l-fatt li parti kbira mill-objettivi tal-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd ma kkontretizzawx; jiddispjaċih b'mod partikolari dwar ir-riżultati dgħajfa fl-oqsma tal-kooperazzjoni xjentifika u teknika u l-għajnuna għall-iżvilupp sostenibbli fis-settur tas-sajd (u l-industriji konnessi) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

1. Jiddeplora l-fatt li parti kbira mill-objettivi tal-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd ma kkontretizzawx; jiddispjaċih b'mod partikolari dwar ir-riżultati dgħajfa fl-oqsma tal-kooperazzjoni xjentifika u teknika u l-għajnuna għall-iżvilupp sostenibbli fis-settur tas-sajd (u l-industriji konnessi) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ***dawn l-aspetti se jittejbu bil-koerenza tal-politiki u permezz ta' governanza tas-sajd internazzjonali;***

Or. es

Emenda 7
Isabella Lövin

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1 a. Jenfasizza li l-Ue għandha tiżgura li r-riforma attwali tal-Polika Komuni dwar is-Sajd tkun konformi mal-impenji tal-UE lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tappoġġa l-ilħiq tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, kif ukoll id-dritt bażiku tal-bniedem għall-ikel kif rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Or. en

Emenda 8
Izaskun Bilbao Barandica

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2. Jinnota li l-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd, b'mod ġenerali, twettqu biss bi trasferiment tal-fondi lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jintużaw ir-riżorsi ta' ħut tagħhom; ***jiddeplora din il-viżjoni tal-ftehimiet, li tmur kontra l-ispirtu u l-obiettivi espressi;***

2. Jinnota li l-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd, b'mod ġenerali, twettqu biss bi trasferiment tal-fondi lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jintużaw ir-riżorsi ta' ħut tagħhom, ***u għalhekk l-għajnuna għandha tkun ta' natura definittiva, valutabbli, effiċjenti għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd fil-pajjiżi terzi, u għandha tkun differenzjata mill-ħlasijiet għad-drittijiet ta' aċċess.***

Or. es

Emenda 9
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 2a (ġdid)

2a. Jitlob lill-Kummissjoni biex l-azzjoni esterna tagħha b'mod ġenerali u l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd b'mod partikolari iħeġġu l-governanza tajba u t-trasparenza u jippromwovu l-kundizzjonijiet sabiex il-pajjiżi terzi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jibbażaw il-politiki tagħhom tas-sajd fuq l-istess objettivi u standards ta' sostenibilità bħall-Politika Komuni dwar is-Sajd, pereżempju l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq tagħrif xjentifiku u fuq valutazzjonijiet tal-impatt, kif ukoll it-tfassil ta' pjanijiet pluriannwali biex jinkiseb approviġġonament konformi mar-rendiment massimu sostenibbli tar-riżorsi; l-appoġġ speċjali għall-attivitajiet fuq skala żgħira, fis-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-popolazzjonijiet li jiddependu bil-kbir minn dawn; il-promozzjoni tas-sajd selettiv, l-adattament tal-kapaċità tal-flotta għar-riżorsi u ta' prattiki ta' sajd iktar responsabbli; it-tnaqqis progressiv sakemm jintemm l-iskart u għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irregolat u mhux iddikjarat; it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' sikurezza u tal-benessri fil-postijiet tax-xogħol, il-protezzjoni tal-ambjent u tal-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; il-kwalità tal-prodotti u t-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, u spinta fl-investigazzjoni u fl-innovazzjoni għal attività iktar sostenibbli fil-qasam tas-sajd, l-akkwakultura u l-industriji relattivi;

Or. es

**Emenda 10
Izaskun Bilbao Barandica**

**Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

3. Jenfasizza li l-ftehimiet għandhom jippromwovu, fuq medda ta' żmien medja, l-isfruttar mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw tar-riżorsi tagħhom stess, kemm għall-konsum intern kif ukoll għall-esportazzjoni, biex b'hekk jiżdied is-sehem ta' prosperità maħluqa u miżmuma fil-pajjiżi;

Emenda

3. Il-ftehimiet u l-industriji li qed jiżviluppaw madwarhom qed jikkontribwixxu fl-iżvilupp tal-pajjiżi terzi u jiffavorixxu li, fil-ġejjieni, dawn jisfruttaw ir-riżorsi tagħhom stess;

Or. es

Emenda 11

Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni

Taqsim 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jenfasizza li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pajjiżi terzi u fl-attivitajiet tagħhom fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, se jikkontribwixxu biex is-soċjetajiet u l-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikollhom il-kapaċità li jifformulaw, jeżegwixxu u jikkontrollaw politiki tas-sajd sostenibbli li jsaħħu s-sikurezza alimentari tagħhom u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tagħhom;

Or. es

Emenda 12

Izaskun Bilbao Barandica

Abbozz ta' opinjoni

Taqsim 1 – paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jikkunsidra l-formulazzjoni konġunta ta' mudelli m'objettivi, azzjonijiet u indikaturi, sabiex tiġi segwita aħjar l-implimentazzjoni tal-fondi, fi spirtu ta' sħubija; jenfasizza li dan is-segwitu jeħtieġ l-adozzjoni ta' proċeduri korrettivi, li għandhom jitfasslu ma' pajjiżi terzi, kull darba li tiġi nnutata diverġenza b'rabta mal-objettivi;

Emenda

4. Jikkunsidra l-formulazzjoni konġunta ta' mudelli m'objettivi, azzjonijiet u indikaturi, sabiex tiġi segwita aħjar l-implimentazzjoni tal-fondi, fi spirtu ta' sħubija; jenfasizza li dan is-segwitu jeħtieġ l-adozzjoni ta' proċeduri korrettivi, li għandhom jitfasslu ma' pajjiżi terzi, kull darba li tiġi nnutata diverġenza b'rabta mal-objettivi ***stabbiliti minn xi wħud mill-partijiet ikkonċernati***;

Or. es

Emenda 13
Isabella Lövin

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4 a. Jilqa' l-eżempju ta' trasparenza li l-UE stabbiliet fil-kuntest dinji permezz tal-pubblikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni iżżomm il-ftuħ tagħha billi tiżgura li l-valutazzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet ukoll jiġu ppublikati, fir-rispett tal-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, sabiex il-parlamenti lokali, is-soċjetà ċivili u partijiet oħra kkonċernati jivvalutaw b'mod effettiv l-implimentazzjoni u l-impatt tal-ftehimiet;

Or. en

Emenda 14
Izaskun Bilbao Barandica

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm data xjentifika aġġornata dwar l-"istokkijiet" tas-sajd u l-isforz tas-sajd globali fl-ilmijiet ta' kull pajjiż; iqis li l-valutazzjoni xjentifika għandha ssir qabel il-firma tal-ftehimiet, jew mill-inqas, dawn il-ftehimiet għandhom jikkontribwixxu għall-użu tad-data;

Emenda

5. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm data xjentifika aġġornata **u trasparenti** dwar l-"istokkijiet" tas-sajd, **dwar il-ftehimiet kollha b'rabta mas-sajd minbarra dawk tal-UE**, u l-isforz tas-sajd globali fl-ilmijiet ta' kull pajjiż; iqis li l-valutazzjoni xjentifika għandha ssir qabel il-firma tal-ftehimiet, jew mill-inqas, dawn il-ftehimiet għandhom jikkontribwixxu għall-użu tad-data;

Or. es

Emenda 15
Izaskun Bilbao Barandica

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li ***l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi iktar għas-sejba ta' soluzzjoni għal dawn il-problemi;***

Emenda

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li ***dawn il-prattiki jaffettwaw il-prestiġju tal-flotta Ewropea li tat spinta lil Prattiki tajba u rispett tal-kundizzjonijiet soċjali, ambjentali, etiċi u ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, l-UE għandha tibqa' twettaq sforzi fil-livell internazzjonali biex il-pajjiżi kollha jaċċettaw ir-regoli Ewropej bħala r-regoli tagħhom.***

Or. es

Emenda 16
Isabella Lövin

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi iktar għas-sejba ta' soluzzjoni għal dawn il-problemi;

Emenda

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi iktar għas-sejba ta' soluzzjoni għal dawn il-problemi; ***ihéġġeg lill-Kummissjoni biex, fir-relazzjoni internazzjonali kollha tagħha, tappoġġa l-prinċipju tar-responsabilità tal-Istat tal-bandiera li huwa l-bażi tad-dritt internazzjonali u huwa fundamentali għal implimentazzjoni effiċjenti tar-regolament dwar is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat;***

Or. en

Emenda 17
Jim Higgins

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi iktar għas-sejba

Emenda

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi iktar għas-sejba

ta' soluzzjoni għal dawn il-problemi;

ta' soluzzjoni għal dawn il-problemi ***u jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' konsistenza u ta' trasparenza fil-monitoraġġ tal-ftehimiet,***

Or. en

Emenda 18
Antolín Sánchez Presedo

Abbozz ta' opinjoni
Taqsim 1 – paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jirrimarka li l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd jista' jkun ta' benefiċċju dirett għall-150 miljun persuna li jiddependu mis-sajd u mill-attivitajiet marbuta miegħu għall-għajxien tagħhom.

Or. es